# Il-pensjoni għal invalidità



WARA li fl-aħħar ġimgħat tajt ħarsa estensiva lejn il-pensjoni taż-żewġ terzi, il-pensjonijiet l-oħrajn tal-irtirar u l-pensjoni tar-romol, il-lum imiss li nagħti ħarsa lejn il-pensjoni għal invalidità. B'hekk illum intemmu l-ħarsa tagħna lejn il-pensjonijiet kontributorji.

Wara l-waqfa tas-Sajf, minn Ottubru imbagħad nissoktaw il-ħarsa tagħna lejn il-benefiċċji soċjali billi nitkellmu dwar aktar benefiċċji kontributorji, b'mod partikolari l-benefiċċju għal diżimpjieg, il-benefiċċju speċjali għal diżimpjieg, il-benefiċċju għal mard u l-benefiċċju għal korriment fuq ix-xogħol.

## L-pensjoni għal invalidità

Teknikament, din il-pensjoni tista' titħallas lil persuna li tkun inkapaċi għal impieg xieraq fultajm jew b'mod regolari partajm jew għal xogħol għal rasha ('self-occupied') minħabba mard serju jew inkapaċità korporali jew mentali (barra minn xi disturb jew marda mentali ħafifa) għal mill-inqas sitt xhur qabel issir it-talba tagħha għal din il-pensjoni. Fi kliem ħafna aktar sempliċi, ħafna nies jirreferu għal din il-pensjoni bħala li "tgħaddi bord".

L-inkapaċità għax-xogħol tista' titqies ta' natura temporanja għal xi snin jew permanenti, skont kif jiġi stabbilit mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali wara li jingħata parir minn bord mediku maħtur skont il-provvedimenti ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

Artikolu 26 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jipprovdi li persuna tkun intitolata għal ħlas ta' pensjoni għal invalidità jekk fid-data tat-talba għal pensjoni tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kontributorji kif definiti fl-istess Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Il-kundizzjonijiet kontributorji huma li l-persuna tkun ħallset mill-inqas 250 kontribuzzjoni (prattikament ħames snin) tal-ewwel klassi (persuna impjegata) jew tat-tieni klassi (persuna li taħdem għal rasha) u għandha medja fis-sena ta' mill-inqas 20 kontribuzzjoni mħallsa u/jew akkreditati tul il-ħajja assigurabbli.

Dan ifisser li mhux bilfors li jekk persuna tkun ħallset ħames snin kontribuzzjonijiet se tikkwalifika żgur għall-pensjoni. Fil-fatt, biex persuna tikkwalifika għal pensjoni għal invalidità jrid ikollha wkoll, kif għedt, medja ta' mill-inqas 20 kontribuzzjoni mħallsa jew akkreditati fis-sena mill-età ta' 19-il sena (jew 18 jekk il-persuna tkun twieldet wara t-3 ta' April, 1958) sas-sena ta' qabel tirtira.

Jiġifieri, biex nagħtu eżempju sempliċi, jekk persuna se tagħlaq 55 sena din is-sena u tapplika għal pensjoni għal invalidità, il-perjodu li fih jingħaddu l-kontribuzzjonijiet validi għaliha jkun bejn l-1974 u l-2009 (36 sena). Mela f'dan il-perjodu jrid ikollha mill-inqas 720 kontribuzzjoni (kważi 14-il sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati) biex tikkwalifika għal din il-pensjoni. Naturalment dan ivarja skont l-età tal-persuna iżda dejjem hemm il-medja minima ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena li trid tintlaħaq biex persuna tkun tista' tikkwalifika għal din il-pensjoni.

Huwa importanti li jingħad li fil-kalkolu tal-medja tal-kontribuzzjonijiet f'kull każ ta' pensjoni għal invalidità, ma jiġux ikkonsidrati kontribuzzjonijiet volontarji jew kontribuzzjonijiet imħallsin mhux minn dħul minn xogħol. Dan minħabba li din il-pensjoni titħallas f'każ ta' inkapaċità li rriżultat waqt li persuna tkun qed taħdem.

## L-evalwazzjoni medika

Wara li jkun sar it-test tal-kontribuzzjonijiet fuq imsemmi Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jiddetermina jekk applikant hux eliġibbli għall-pensjoni għal invalidità skont ir-rakkomandazzjoni li ssir lilu dwar l-aspetti mediċi tat-talba minn persuni li għandhom il-'warrant' biex jipprattikaw il-professjoni medika. Dawn il-persuni li jikkonsulta magħhom id-Direttur huma magħżula minn Bord Mediku li jiġi maħtur mill-Ministru u li hu magħmul minn tobba.

Dan il-bord mediku huwa fil-fatt kompost minn tliet tobba li iżda sistematikament jirrikorru għall-pariri tal-konsulenti, skont in-natura tal-marda jew l-inkapaċità li jkollhom l-applikanti. Il-bord mediku, ġaladarba jistabbilixxi l-entità tal-marda jew l-inkapaċità, imbagħad huwa ggwidat minn tabelli ta' indeboliment (impairment tables) li jgħinuh jiddetermina jekk il-persuna tissodisfax il-kriterji mediċi stabbiliti bil-liġi li jintitolawh medikament għal din il-pensjoni.

## Rati ta' ħlas

L-ogħla ammont ta' pensjoni għal invalidità minima nazzjonali li titħallas (fl-2010) hija ta' €126,86 fil-ġimgħa. Din titħallas lil persuna miżżewġa li tmantni lill-konjugi (sakemm il-konjugi m'huwiex pensjonant/a), għandha medja ta' kontribuzzjonijiet ta' 50 jew aktar fis-sena u m'għandhiex pensjoni tas-servizz. Dawk li jkollhom medja ta' kontribuzzjonijiet li tvarja minn 20 sa 49, jitħallsu b'rati li jvarjaw bejn €89.39 u €118.09 fil-ġimgħa.

Fil-każ ta' persuni waħidhom jew miżżewġa u jmantnux il-konjugi (jew il-konjugi huwa pensjonant/a), l-ogħla ammont ta' pensjoni għal invalidità minima nazzjonali li titħallas (fl-2010) hija ta' €109.37 fil-ġimgħa. Din titħallas ukoll lil persuna li għandha medja ta' kontribuzzjonijiet ta' 50 jew aktar fis-sena u m'għandhiex pensjoni tas-servizz. Dawk li jkollhom medja ta' kontribuzzjonijiet li tvarja minn 20 sa 49, jitħallsu b'rati li jvarjaw bejn €85.78 u €104.27 fil-ġimgħa.

Jekk fil-każi msemmijin fuq, il-persuna tkun qed tirċievi pensjoni tas-servizz u għandha medja ta' kontribuzzjonijiet ta' 50 jew aktar fis-sena, din titħallas pensjoni għal invalidità bir-rata (fl-2010) ta' €84.84 fil-ġimgħa jekk il-persuna hija miżżewġa u tmantni lill-konjugi sakemm il-konjugi mhuwiex pensjonant/a. Dawk li jkollhom medja ta' kontribuzzjonijiet li tvarja minn 20 sa 49, jitħallsu b'rati li jvarjaw bejn €64.69 u €80.49 fil-ġimgħa.

Min-naħa l-oħra, persuni waħedhom jew miżżewġin u jmantnux il-konjugi (jew il-konjugi huwa pensjonant/a), li jkunu qed jirċievu pensjoni tas-servizz u għandhom medja ta' kontribuzzjonijiet ta' 50 jew aktar fis-sena, jitħallsu pensjoni għal invalidità bir-rata (fl-2010) ta' €71.68 fil-ġimgħa. Dawk li jkollhom medja ta' kontribuzzjonijiet li tvarja minn 20 sa 49, jitħallsu b'rati li jvarjaw bejn €58.24 u €68.79 fil-ġimgħa.

Min ikun qed jirċievi pensjoni tas-servizz (għal aktar informazzjoni dwar il-pensjoni tas-servizz ara l-artiklu tiegħi tal-15 ta' Ġunju, 2010), jista' jkun intitolat għal pensjoni għal invalidità miżjuda li titħallas lil persuna b'medja ta' kontribuzzjonijiet ta' 50 jew aktar fis-sena, sa ammont l-aktar għoli ta' €119.11 fil-ġimgħa (fil-każ ta' persuna miżżewġa li tmantni lill-konjugi sakemm il-konjugi m'huwiex pensjonant/a) jew €95.81 fil-ġimgħa (fil-każ ta' persuna waħidha jew miżżewġa u tmantnix lill-konjugi jew il-konjugi huwa pensjonant/a) sakemm bejn iż-żewġ pensjonijiet (jiġifieri l-pensjoni għal invalidità u l-pensjoni tas-servizz) ma jaqbzux ammont ekwivalenti għal żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli (dwar kif jinħadem id-dħul pensjonabbli ara l-artiklu tiegħi ta' 1 ta' Ġunju, 2010). F'dawn il-każi, dawk li jkollhom medja ta' kontribuzzjonijiet li tvarja minn 20 sa 49, jitħallsu b'rati li jvarjaw bejn €81.49 u €111.00 fil-ġimgħa u bejn €70.08 u €90.27 fil-ġimgħa rispettivament.

## X'jiġri mal-età tal-irtirar?

Jekk persuna tkun qed tirċievi pensjoni għal invalidità u tagħlaq l-età tal-irtirar, trid tapplika biex il-pensjoni tagħha (jekk ikun jaqblilha) tinqalbilha għal pensjoni taż-żewġ terzi jew xi waħda mill-pensjonijiet għal irtirar (dwar kif dawn jinħadmu ara l-artikli tiegħi tat-18 ta' Mejju, 1 ta' Ġunju u d-29 ta' Ġunju, 2010).

Infakkar li kif inhu stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318), kulmin irid jagħmel talba għal kwalunke benefiċċju imħallas taħt dan l-Att irid jagħmel dan fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u fi żmien stipulat. Għalhekk ħadd m'għandu dritt awtomatiku għal xi benefiċċju, inkluż kwalunke pensjoni, jekk ma jagħmilx talba uffiċjali.

Biex wieħed japplika, jista' jagħmel dan billi jew (i) jimla' l-formola li jirċievi d-dar u jibgħatha bil-posta, jew (ii) jimla' l-formola li jirċievi d-dar u jmur biha f'xi wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment, jew (iii) iniżżel il-formola mill-websajt tad-Dipartiment u jibgħatha bil-posta, inkella (iv) imur f'xi wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment u japplika minn hemm.

## Kontribuzzjonijiet akkreditati

Meta tinħadem il-pensjoni taż-żewġ terzi jew xi waħda mill-pensjonijiet għall-irtirar, tingħata kunsiderazzjoni għall-perjodu li fih il-persuna kienet invalida u qed tirċievi pensjoni għal invalidità. Fil-fatt il-perjodu kollu, mid-data effettiva li fiha tibda titħallas din il-pensjoni sal-età tal-irtirar ikun kopert b'kontribuzzjonijiet akkreditati li għal fini tal-pensjonijiet taż-żewġ terzi jew għal irtirar jitqiesu qishom imħallsa.

Tajjeb li nippreċiża li fil-każ biss tal-pensjoni taż-żewġ terzi, il-kontribuzzjonijiet akkreditati li jingħataw ma jistgħu qatt ikun aktar mill-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna mill-21 ta' Jannar, 1979 'il hawn.

Dan ifisser allura li mhux neċessarjament jista' jkun kopert il-perjodu kollu indikat

*IMPORTANRTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunkwe benefiċċu soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@ov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċini distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella ċċemel fuq in-numru 159.*

għalkemm il-probabilità li dan ma jkunx hija pjuttost żgħira. Min-naħa l-oħra, fil-każ tal-pensjonijiet l-oħra għall-irtirar, il-perjodu jkun kopert kollu.

Dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati jingħataw biex ikun żgurat li l-fatt li persuna saret invalidità u ma baqgħetx kapaċi għax-xogħol ma jippenalizzahiex meta tiġi għal xi waħda mill-pensjonijiet għall-irtirar (inkluż taż-żewġ terzi) u jkollha l-kontribuzzjonijiet neqsin.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

■ Issa ngħaddi għall-mistoqsijiet li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Maria Zammit, permezz ta' imejl, staqsiet: "Jekk mara li twieldet fl-1962 tkun ħadmet għal għaxar snin u wara ma ħadmitx aktar, skont l-artiklu tiegħek tat-18 ta' Mejju, din mhux se jkollha l-medja minima ta' 15-il kontribuzzjoni fis-sena biex ikollha l-inqas ammont ta' pensjoni possibbli. Jekk tkompli taħdem għal sena u nofs oħra jew tħallas il-kontribuzzjonijiet li għandha bżonn f'daqqa, tkun intitolata?"

Filwaqt li nirringrazzja lis-Sinjura Zammit għall-mistoqsija tagħha, ngħid li persuna li twieldet fl-1962, l-età tal-pensjoni tagħha se titla għal 65 sena. Fl-istess waqt, il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet li fuqu se tkun ibbażata l-pensjoni taż-żewġ terzi se jitla' għal 40 sena li jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq 18-il sena.

Dan ifisser allura li għal xi ħadd li twieled fl-1962 jew wara, biex ikollu l-inqas ammont ta' pensjoni possibbli, għandu bżonn madwar 600 kontribuzzjoni li huwa ekwivalenti għal ftit aktar minn 11-il sena u nofs ta' kontribuzzjonijiet. Allura jekk din il-mara ħallset għaxar snin ta' kontribuzzjonijiet mis-sena li fiha għalqet it-18-il sena 'l quddiem, din effettivament jonqosha ftit aktar minn sena u nofs ta' kontribuzzjonijiet biex tilħaq il-medja minima ta' 15 fis-sena. Jekk hija terġa tibda taħdem għal aktar minn sena u nofs u tħallas il-kontribuzzjoni regolarment u b'dawn il-kontribuzzjonijiet tilħaq il-medja minima, naturalment din ikollha dritt għall-pensjoni taż-żewġ terzi b'rata mnaqqsa.

Huwa importanti li jingħad li l-kontribuzzjonijiet, fil-każ ta' persuna miżżewġa, jistgħu jitħallsu biss fuq impjieg (ara l-artikli tiegħi tat-13 ta' April u l-4 ta' Mejju, 2010 għal aktar tagħrif). Tajjeb ukoll li wieħed dejjem jiċċekkja fuq il-każ partikolari tiegħu biex ikun żgur li l-pass li jkun se jagħmel ikun wieħed benefiċċjali.

Mistoqsija oħra

Qarrej tagħna mill-Fgura staqsa: "B'referenza għall-artiklu tiegħek tal-15 ta' Ġunju, nixtieq inkun naf liema sezzjoni ta' pensjonanti li għandhom pensjoni tas-servizz huma intitolati li jibbenefikaw mill-emendi li saru mill-1992 'il quddiem?".

Nirringrazzja lil dan il-qarrej tagħna. L-emendi li qed jirreferi għalihom, u li kont elenkajthom fl-artiklu tiegħi tal-15 ta' Ġunju, 2010, jolqtu prinċipalment lill-pensjonanti li għandhom pensjoni tas-servizz. Naturalment mhux neċessarjament li jolqtu lil dawk kollha li għandhom pensjoni tas-servizz jew li jintlaqtu l-istess. Dan minħabba li ħafna jiddependi mill-ammont ta' pensjoni tas-servizz konċernat kif ukoll min-natura tal-pensjoni tas-servizz, inkluż eżempju saritx jew le kommutazzjoni. Fl-artiklu tiegħi dakinhar kont tajt eżempji bażiċi dwar kif dawn l-emendi llum qed jolqtu lill-pensjonanti. Madankollu biex wieħed ikun jista' jikseb aktar tagħrif dwar kif dawn l-emendi jolqtu lilu personali skont in-natura tal-każ tiegħu jista' jagħmel dan mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**Nota:**
Matul Awwissu u Settembru din il-paġna mhux se tkun ippubblikata. Iżda jekk għandek xi mistoqsija li tixtieq tagħmel xorta tista' tagħmel dan kif spjegat hawn taħt. Il-mistoqsijiet tagħkom ikunu mwieġba meta terġa' tkun ippubblikata din il-paġna minn Ottubru.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,***
***A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz **ittri@unionprint.com.mt**. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*